MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 331/2003

**Atlas Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Jason Meli u l-istess Jason Meli u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Jason Meli assumiet fil-vesti ta' attur l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc**

**vs**

**Gio Maria Curmi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mill-atturi fit-23 ta' Gunju, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas s-somma komplessiva ta' tlett elef, mitejn u tnejn u hasmin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm3,252.32), in kwantu ghal tlett elef, mitejn u zewg liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm3,202.32) lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsin lira maltin (Lm50) lill-attur Jason Meli, in linea ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' ncident awtomobilistiku li gara Santa Venera fit-12 ta' Dicembru, 2000 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura numru III 777 habat mal-vettura numru DBG 496 proprjeta' ta' l-attur jason Meli u misjuqa minnu, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-2 ta' Dicembru, 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ghas-smiegh ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mit-2 ta' Dicembru, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-eccipjenti Gio Maria Curmi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort ta' Gio Maria Curmi pero' b'tort ta' Jason Meli sewwieq tal-vettura numru DBG 496 u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma'huwiex responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;
2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, id-danni reklamati huma esagerati;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta incident tat-traffiku illi gara fit-12 ta’ Dicembru, 2000 ghall-habta tad-disgha u kwart ta’ filghodu (09:15) fil-mina ta’ Santa Venera bejn il-karozza Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DBG 496 misjuqa minn Jason Meli u trakk li jgorr is-siment numru tar-registrazzjoni III 777 misjuq mill-konvenut. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu magenb xulxin, b’wahda minnhom tersaq lejn in-nofs u tikkawza l-incident.

PS 1212 Carmel Zerafa li nvestiga dan il-kaz xehed illi taht il-mina hemm *continuous white line.* Il-vettura DBG 496 misjuqa minn Meli kellha hsarat estensivi meta habtet mall-hajt wara l-impatt inizjali mat-trakk, fuq il-mudguard u l-bumper ta’ wara tal-lemin. Minn naha l-ohra t-trakk kellu hsarat zghar fuq il-bumper ta’ quddiem fuq in-naha tax-xellug. Skond l-okkorrenza, l-konvenut qallu illi l-karozza misjuqa minn Meli, “… came from behind and dashed into the front left side of his vehicle.” Mentri Meli jghidlu illi l-konvenut, “… came from behind, dashed into the left rear side of his vehicle, pushing his vehicle on the other side of the tunnel, with the consequence that his vehicle mounted the pavement and dashed into the wall…” Meli qallu wkoll illi ftit wara l-incident il-konvenut qallu illi biex ma jahbatx mall-bankina fuq in-naha tal-lemin tieghu, dawwar harira lejn ix-xellug bil-konsegwenza illi habat man-naha tal-lemin tal-vettura ta’ Meli.

L-assikurat tas-socjeta’ attrici Jason Meli a fol. 31 jghid illi meta dahlu fil-mina z-zewg vetturi kienu mtargin, bit-trakk naqra lura fuq il-lemin tieghu. F’daqqa minnhom ihoss daqqa fuq ir-rota u l-mudguard ta’ wara tal-lemin, tilef il-bilanc, habat mall-bankina, rikibha u baqa’ jitkaxkar mall-hajt. Meli jghid, “Wara l-incident is-sewwieq tat-trakk qalli illi biex ma jahbatx mall-bankina tal-lemin, gibed ftit lejn ix-xellug u laqghat lili…” Spjega wkoll illi quddiemu kien hemm traffiku u semma specifikament Peugeot 106.

Oht is-sewwieq, Marion Meli, tghid illi l-ewwel li ma ndunat bil-vettura ma' genbha kien il-hoss tat-trakk u mbaghad hasset id-daqqa.

Il-konvenut, minn naha l-ohra a fol. 38 jghid illi fil-mina ta' quddiemu ma kien hemm hadd.  Kien gahdu kif ghamel sorpass fuq zewg vetturi illi kienu mexjin bilmod, hareg fuq l-*outer lane* u baqa' hemmhekk.  Fuq ix-xellug tieghu ma kien hemm hadd.  Pero' waqt li kien fil-mina sema' hoss kbir u haseb illi xi hadd dahal fih minn wara.  Huwa waqqaf it-trakk, dar dawra mieghu, ma ra xejn u mbaghad induna bil-karozza l-ohra mall-hajt.  Dina kienet l-ewwel darba illi rahha.  Insista illi x'hin dahal fil-mini ma ra xejn. Anki meta ghamel is-sorpass fuq iz-zewg vetturi xi mitejn metru qabel il-ftuh tal-mina, quddiemu ma kien hemm hadd.  Kien miexi bilmod hafna u bhala hsara ma kellu xejn hlif xi barxa ma' l-istaffa tal-gabina.

Ghal dawk illi huma d-danni ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni peress illi s-socjeta' attrici pprezentat id-dokumenti kollha biex tipprova l-ammont ta' danni illi hija hallset kawza ta' dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib illi ghandha hafna x'ticcensura fl-operat tal-konvenut. Kien qieghed isuq vettura kbira hafna, tant illi kien qieghed igorr mat-tletin tunellata ta' siment, dahal f'mina minghajr ma kien qieghed izomm *a proper look-out* jew inkell kien konxju ta' dak illi kien qieghed isir madwaru. Isemmi biss illi huwa ghamel manuvra ta' sorpass fuq zewg vetturi mitejn metru qabel il-ftuh tal-mina u jinsisti illi quddiemu ma kien hemm xejn.  Evidentement dan ma jistax ikun minnu, peress illi l-vettura misjuqa minn Meli kienet fuq ix-xellug tieghu daqsxejn imtarrga 'l quddiem. Jista' jaghti l-kaz illi minhabba l-posizzjoni gholja ta' sewqan ta' trakk, il-konvenut ma ndunax bil-prezenza tal-vettura ta' l-attur fuq ix-xellug tieghu ghax seghet kienet fi *blind spot*, fejn allura kien jinkombi fuq il-konvenut sewqan

aktar bil-galbu u attenzjoni minhabba fil-periklu fl-ispazju ristrett ta’ mina.

Il-hsarat subiti mill-vetturi juru illi l-incident gara proprju kif spjega Jason Meli. Il-Qorti mhijiex sejra tikkonsidra l-hsarat subiti fil-karozza tieghu fuq in-naha tax-xellug, ghal fini ta’ esponsabbilita’ peress illi dawna gew kawzati wara l-impatt inizjali mat-trakk tal-konvenut, ghad illi ghandhom jigu kunsidrati ghal fini ta’ likwidazzjoni tad-danni. L-ewwel impatt kien fuq ir-rota u mudguard ta’ wara tal-lemin, mentri l-hsarat fuq it-trakk kienu fuq quddiem in-naha tax-xellug. Dana jindika b’mod car u bla ebda dubju illi kien it-trakk illi ta d-daqqa fuq in-naha ta’ wara tal-vettura u mhux vice versa. Din id-daqqa jkollha dak illi huwa maghruf bhala *fish-tail effect* illi l-vettura titlef il-bilanc, tibda’ tperper minn naha ghal ohra, s-sewwieq jitlef il-kontroll u jispicca jahbat ma’ xi haga. F’dan il-kaz fl-ispazju strett tal-mina ma kienx hemm post iehor hlief il-hajt fuq in-naha tax-xellug tieghu.

In-nuqqas ta’ *proper look out* da parti tal-konvenut ikompli jimmanifesta ruhu fil-fatt illi huwa jibqa’ jghid illi huwa ma ndunax bil-prezenza ta’ Meli fuq in-naha tax-xellug tieghu hlief wara l-incident. Meta sema’ l-hoss tad-daqqa, haseb illi xi hadd dahal fih minn wara. Fill-fatt lanqas biss induna illi dak il-hoss avvera ruhu wara li kien diga laqghat il-karozza u dina habtet mall-hajt. B’hekk huwa baqa’ jsuq u spicca kif indikat fl-iskizz, haga illi giet ikkonfermata miz-zewg sewwieqa.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut billi dan ma zammx *a proper look-out* u ma kienx konxju tas-sitwazzjoni ta’ madwaru u b’hekk kien il-kawza principali ta’ l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi, tiddikjara lill-konvenut unikament u esklussivament responsabbli ghall-incident tat-traffiku illi sehh fil-mina ta’ Santa Venera fit-12 ta’ Dicembru, 2000 bejn il-vettura

numru III 777 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru DBG 496 misjuqa minn Jason Meli u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm3,252.32) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jha llas dan l-ammont hekk likwidat.
Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------